# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Guramentat Nru.: 430/08MH**

**Illum 25 ta' Jannar, 2017**

**Emanuel [K.I. 4763(G)] u Tessie [K.I. 141062(M)] konjugi Farrugia**

**vs**

**Raymond Micallef [K.I. 272988(M)]**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors guramentat tal-atturi** tat-28 t'April 2008 permezz ta' liema ppremettew:

1. *"Illi l-esponenti Emanuel Farrugia huwa burdnar u jiggestixxi negozju ta' garr ta' merkanzija barra minn Malta taht it-trade name Emanuel Farrugia International Transport;*

2. *Illi fit-tmienja (8) ta' Jannar 2007 l-esponenti impjega lill-intimat Raymond Micallef bhala sewwieq mieghu, skond ma jirrizulta mill-kuntratt tax-xoghol hawn anness u markat bhala* ***Dokument A****, u di fatti ftit tal-granet wara l-intimat beda xoghol wara li inghata f'idejh il-*

*pussess tat-trakk tal-marka Volvo F 12 bin-numru tar-registrazzjoni VOL 400 kif wkoll trailer sabiex fih tigi stivata l-merkanzija;*

3. *Illi nhar is-sittax (16) ta' Frar tas-sena elfejn u sebgha (2007) wara li l-intimat ghabba t-trailer bil-merkanzija minn Vittuone u kellu struzzjonijiet minghand l-esponenti sabiex immur bit-trakk u t-trailer direttament f'security parking bl-isem ta' Parco Fiorenza, fi Viale Certosa, limiti ta' Milan. Cjo' nonostante, l-intimat injora din l-ordni u minflok iddecieda li jieqaf fl-Area di Servizio Rho Sud;*

4. *Illi l-intimat ipparkeggja t-trakk u t-trailer f'parti ta' din l-area di servizio fejn ma kienx lecitu illi isir parkegg u f'parti fejn lanqas kien hemm ghassa u in oltre ghalkemm huwa sakkar it-trakk, l-istess intimat halla l-ignition key gewwa l-istess trakk, b'mod li min jisgassa l-bieba tat-trakk seta' facilment iqabbad il-magna tat-trakk u jitlaq;*

5. *Illi waqt li l-intimat kien qieghed fl-area di servizio, giet sgassata l-bieba tat-trakk VOL 400 u kemm it-trakk kif ukoll it-trailer u l-merkanzija ta' fuqhom insterqu minn terzi mhux maghrufa;*

6. *Illi, ghalkemm forsi mhux direttament involut fis-serqa li sehhet, l-agir ta' l-intimat li waqaf f'area di servizio fejn ma kienx gie awtorizzat li jieqaf mill-esponenti, iktar u iktar meta l-istess intimat kien ftit minuti biss imbieghed mis-security parking indikat, u halla t-trakk u l-merkanzija minghajr l-ebda ghassa jew osservazzjoni, jammonta ghal ksur tal-klawsola numru erbgha (4) ta' l-obbligi kuntrattwali assunti mill-istess intimat, liema klawsola kienet taghmilha cara li: "It is also important that you do not abandon the truck, trailer and the work without my permission, because if you do so you will be responsible for all the consequences.";*

7. *Illi di piu' u independentement minn din il-klawsola, l-agir ta' l-intimat huwa evidenza cara ta' nuqqas ta' diligenza u prudenza da parti tieghu, liema diligenza u prudenza da parti tieghu, liema diligenza u prudenza l-esponenti jissottometti kienu mehtiega fi grad akbar minn dak ta' missier tajjeb tal-familja ghar-raguni li l-intimat kien inghata f'idejh oggetti li huwa kien obbligat li jwassal f'post specifiku u dana bi hlas;*

8. *Illi t-trakk il-misruq u t-trailer instabu xi jiem wara, izda minn gewwa t-trailer kienet insterqet ammont ta' merkanzija filwaqt li anke gew arrekati hsarat fit-trakk u fit-trailer;*

9. *Illi per kawza ta' l-agir ta' l-intimat, r-rikorrenti soffrew danni ingenti konsistenti fil-fatt li r-rikorrenti personalment kellhom jaghmlu tajjeb ghall-ghoxrin fil-mija (20%) tas-somma li thallset mill-kumpanija assikuratrici lis-sidien tal-merkanzija in segwitu ghal claim li saret mill-istess sidien tal-merkanzija;*

10. *Illi wara li instab t-trakk l-intimat Raymond Micallef, rega' kompla xoghol ghal xi jiem ohra sakemm imbaghad iddecieda li jittermina x-xoghol habta u sabta bil-konsegwenza li l-esponenti Emanuel Farrugia ma kienx fil-posizzjoni li jkompli jonora l-obbligi li huwa kellu mal-kumpanija RH Group Limited;*

11. *Illi minhabba dan l-agir ta' l-intimat, il-kumpanija Ingliza RH Group Limited li tiehu hsieb li tghaddi x-xoghol ta' trasport lill-esponenti Emanuel Farrugia, ma ipprovdietx iktar xoghol ghat-trakk VOL 400 ghall-perijodu ta' sitt (6) xhur shah bil-konsegwenza li r-rikorrenti soffrew telf ta' qligh sostanzjali tul dan il-perijodu;*

12. *Illi minkejja li l-intimat gie interpellat kemm b'ittra interpellatorja datata hamsa (5) ta' Frar 2008 (Dokument B) kif ukoll ittra ufficjali 577/2008*

*datata hamsa u ghoxrin (25) ta' Frar 2008 (Dokument C) sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni u hlas ta' danni kollha sofferti mill-esponenti, huwa baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha issir din il-kawza:*

13. *Ghid ghalhekk inti konvenut ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:*

*(i) tiddikjara li inti inqast milli tobdi l-ordnijiet moghtija lilek mir-rikorrenti meta waqaft fl-Area di Servizio Rho Sud meta l-istruzzjonijiet li kellek kienu li tibqa' sejjer ghas-Security Parking f'Parco Fiorenza, fi Viale Certosa, limiti ta' Milan;*

*(ii) tiddikjara li inti inqast milli tuza l-prudenza u d-diligenza kollha necessarja fic-cirkostanzi waqt li t-trakk u t-trailer kollu merkanzija kienu fil-pussess tieghek, meta inti ipparkeggjat it-trakk bin-numru tar-registrazzjoni VOL 400 f'post fejn mhux suppost li jsir parkegg ta' vetturi, hallejt l-ignition key fuq gewwa dan l-istess trakk u lanqas ma assikurajt li t-trakk u t-trailer ikunu mghassa tajjeb u kif imiss fl-assenza tieghek;*

*(iii) tiddikjara li inti ksirt l-obbligi kuntrattwali tieghek meta habta u sabta itterminajt il-kuntratt ta' l-impjieg definit tieghek li inti kellek ma' l-esponenti, liema terminazzjoni wasslet sabiex ma jigux onorati l-obbligi tax-xoghol li r-rikorrenti kellhom mal-kumpanija RH Group Limited;*

*(iv) tillikwida d-danni kollha sofferti mir-rikorrenti sia danni emergenti kif ukoll lukri cessanti per kawza ta' l-agir tieghek, illi jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

*(v) tikkundannak thallas dawn id-danni lir-rikorrenti hekk kif likwidati;*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tal-hamsa (5) ta' Frar 2008 u dik ufficjali numru 577/2008 tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Frar 2008 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ipprezentat kontestwalment ma' dan ir-rikors guramentat u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni, illi ghaliha minn issa inti ingunt."*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors guramentat;

Rat **ir-rikors guramentat tal-konvenut Raymond Micallef** tad-9 ta' Gunju 2008[1] permezz ta' liema huwa ta ragunijiet biex jiggustifika l-kontumacja tieghu u talab lill-Qorti taccettahom bhala validi fil-ligi u tawtorizzah jipprezenta risposta guramentata bi twegiba ghar-rikors promotur tal-atturi;

Rat **ir-risposta tal-atturi tas-17 ta' Gunju 2008**[2] permezz ta' liema huma rrimettew ruhhom ghad-decizjoni tal-Qorti dwar it-talba tal-konvenut;

Rat **id-digriet taghha tas-17 ta' Gunju 2008**[3] li permezz tieghu giet milqugha t-talba tal-konvenut fir-rikors guramentat imsemmi;

Rat **ir-risposta guramentata ta' Raymond Micallef**[4], permezz ta' liema huwa ressaq is-segwenti eccezzjonijiet:

1. *"Illi preliminarjament, l-esponenti agixxa skond l-istruzzjonijiet li nghata mir-rikorrenti fir-rigward tat-trakk tal-marka Volvo F 12, bin-numru tar-registrazzjoni VOL 400 u t-trailer u ma huwiex minnu dak li qieghed jallega r-rikorrenti li l-esponenti injora l-ordnijiet tieghu;*

---

[1] Fol 16
[2] Fol 28
[3] Fol 26
[4] Fol 23 et seq

2. *Illi fit-tieni lok, fir-rigward tal-allegazzjoni migjuba mir-rikorrenti li l-esponenti kien halla l-ignition key gewwa l-istess trakk, l-esponenti jirrileva li fil-verita, bhal ma jaf tajjeb l-istess rikorrenti, it-trakk ma kienx qieghed jigi misjuq minnu sal-Area di Servizio, izda mix-xufier il-gdid imqabbad mir-rikorrenti, u dan fuq struzzjonijiet tal-istess rikorrenti, b' mod li ma setghax kien huwa li halla l-ignition key fit-trakk;*

3. *Illi fit-tielet lok, u minghajr pregudizzju ghal dak suespost, jinghad illi l-allegazzjoni tar-rikorrenti li min sgassa l-bieb tat-trakk seta' facilment iqabbad il-magna tat-trakk u jitlaq minhabba li kien hemm l-ignition key gewwa l-istess trakk, ma rrizultax fil-kaz odjern u dan ghaliex meta gie sgassat it-trakk, tkissret l-isteering wheel sabiex setghet titqabbad il-magna tat-trakk u jinsaq, fatt li juri bic-car illi anki jekk kien hemm l-ignition key fit-trakk, liema haga ma kienitx tort tieghu, din b' ebda mod ma kkontribwixxiet u lanqas ffacilitat is-serq u l-isgassar in kwistjoni;*

4. *Illi fir-raba' lok, lanqas ma hija korretta l-allegazzjoni tar-rikorrenti li l-intimat abbanduna t-trakk u dan ghaliex ma kien hemm l-ebda intenzjoni ta' abbandun tat-trakk in kwistjoni da parti tieghu, kif ser jirrizulta mill-provi;*

5. *Illi fil-hames lok, ma kien hemm l-ebda nuqqas ta' diligenza u prudenza da parti ta' l-esponenti li dejjem kien diligent u prudenti fix-xoghol tieghu u li l-isgassar in kwistjoni kien totalment indipendenti mill-agir tieghu, u l-intimat ma huwiex responsabbli ghall-incident in kwistjoni;*

6. *Illi fis-sitt lok, l-affarijiet li kienu nsterqu kienu minimi, kif ammetta l-istess rikorrenti dakinhar li nstab it-trakk u ghaldaqstant l-esponenti qed jikkontesta l-pretenzjoni tar-rikorrenti li huwa ghamel tajjeb ghal ghoxrin fil-mija (20%) tas-somma li thallset mill-kumpannija assikuratrici lis-*

*sidien tal-merkanzija meta suppost r-rikorrenti kien kopert kompletament b' polza ta' assigurazzjoni;*

7. *Illi barra minn dak li diga' inghad l-esponenti joggezzjona ghal dak li qed jghid ir-rikorrenti f' paragrafu ghaxra (10) tar-rikors guramentat, fejn jghid li l-esponenti ttermina x-xoghol habta u sabta, kif ser jintwera fil-mori tal-kawza u dan ghaliex ma huwiex minnu dak li qieghed jghid l-istess rikorrenti;*

8. *Illi fit-tmien lok, l-esponenti jissottometti li huwa ma kellu l-ebda responsabbilita jekk ir-rikorrenti Emanuel Farrugia ma setghax jonora l-obbligi tieghu mal-kumpanija RH Group Ltd, u jekk ittiehdet dina d-decizjoni da parti ta' RH Group Limited l-intimat ma kienx involut fiha u ma kellu x' jaqsam xejn maghha;*

9. *Illi ghar-ragunijiet suesposti huwa car li l-kawza tal-atturi hija kollha vessatorja u ghaldaqstant l-intimat jirrespingi t-talbiet tar-rikorrenti, illi huma kollha esagerati, infattwali u prevja ebda sens ta' verita.*

10. *Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda kollha kemm huma bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti;*

*Salv ragunijiet ulterjuri."*

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-risposta guramentata;

Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda u l-affidavits prezentati mill-partijie;

Rat id-dokumenti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi;

Rat in-Noti ta' Sottomissjonijiet skambjati bejn il-partijiet[5];

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Fil-kaz tal-lum l-atturi ntavolaw proceduri kontra l-konvenut, ex-impjegat tan-negozju gestit mill-attur Emanuel Farrugia wara li fil-fehma taghhom huwa (i) naqas milli jobdi l-ordnijiet moghtija lilu mill-atturi waqt li kien inkarigat mill-garr ta' merkanzija minn post ghall-iehor gewwa l-Italja; (ii) naqas mill-uzu ta' prudenza u diligenza waqt li t-trakk mghobbi bil-merkanzija kien fil-kustodja tieghu, liema trakk spicca sgassat u misruq minn terzi b'dana li l-atturi sofrew danni ngenti; u (iii) kiser l-obbligi kontrattwali tieghu meta ghal gharrieda huwa unilateralment ittermina l-impjieg tieghu, liema terminazzjoni kellha riperkussjonijiet fuq obbligi ta' xoghol li s-socjeta' gestita mill-attur Farrugia kellha ma' terzi. Ghal dawn in-nuqqasijiet l-atturi qeghdin jitolbu likwidazzjoni u hlas ta' danni.

L-atturi jibbazaw l-allegazzjonijiet u t-talbiet taghhom fil-konfront tal-konvenut kemm fil-kuntest tal-*culpa aquiliana* kif ukoll f'dik tal-*culpa* kuntrattwali.

Dwar il-*culpa* akwiljana, fil-kaz **Air Malta p.l.c. et vs Malta International Airport p.l.c. deciz fit-30 ta' Settembru 2016[6],** il-Qorti tal-Appell qalet hekk:

*"Illi l-istess fil-kawza "***Josephine Bondin vs Christine Demajo***" (8 ta' Jannar 1992) gie ritenut li:- "Trattandosi ta' kulpa akwiljana u konsegwenzjali danni l-bazi legali ta' l-azzjoni trid necessarjament tirrizolvi ruhha fil-nexus*

[5] Fol 526 et seq tal-atturi u fol 553 et seq tal-konvenut
[6] Rik Nru 271/07

*konsegwenzjali bejn l-operat tad-danneggjant u d-danni sofferti mid-daneggjat u dan ghandu jigi ppruvat mid-danneggjat almenu fuq bazi ta' probabilita'."*

Dwar il-*culpa* kuntrattwali, fil-kaz **Carmelina Scicluna vs Paul Farrugia et, deciz fid-29 ta' Lulju 2016**[7], il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) qalet hekk:

*"L-azzjoni tal-appellanti ..hi bazata fuq kolpa kontrattwali, li "hija dik li tikkonsisti fin-nuqqas ta' eżekuzzjoni, jew f'eżekuzzjoni ħażina, ta' l-obbligazzjoni riżultanti mill-kuntratt" (Vol. XXXVII.ii.292)."*

Inghad ukoll fis-sentenza fl-ismijiet **Air Malta p.l.c. (C-2685) u Shield Insurance Company (Guernsey) Limited (Certificate of Registry Number 29918) v. Malta International Airport p.l.c. (C-12663)**[8]**:**
*"Illi f'dan il-kuntest jinghad li huwa pacifiku illi r-responsabbilita' ghad-danni tirrizulta mir-rabta giuridika jew nuqqas taghha u, dana skont il-kaz, li hemm bejn il-partijiet kontendenti. Fis-sentenza fl-ismijiet "**Vassallo vs Mizzi et**" (P.A. - 9 ta' April 1949 (Vol. XXX111.ii.379) il-Qorti ikkunsidrat illi "l-htija meta tigi kkunsidrata fl-entita' taghha hija wahda; u taht dan l-aspett ma hemmx distinzjoni bejn kolpa kontrattwali u dik komunament imsejha aquiliana, li titnissel minn delitt jew kwazi delitt. Id-differenza bejniethom tinsab fil-kawza u fil-grad. Inkwantu ghall-kawza, il-htija kontrattwali tippresupponi obbligazzjoni pre-ezistenti li maghha hija marbuta; mentri l-htija aquiliana tippresupponi fatt li minnu titnissel ex nunc. In kwantu ghall-grad id-differenza hija riposta fl-estensjoni tar-responsabbilta' fis-sens illli fil-kolpa kuntrattwali wiehed jista' jirrispondi ta' htija hafifa skont il-kaz, mentri fil-kolpa aquiliana r-responsabbilita*

[7] App Nru 298/06
[8] P.A. 271/07: 30/09/2016

Ta' l-istess hsieb huwa dak li jinsab fid-decizzjoni fl-ismijiet **L-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino nomine v. Angelo Xuereb nomine et.**[9], ghalkemm hawn il-Qorti kienet qed titratta mad-differenza tal-perjodu preskrittiv abbinata maz-zewg tipi ta' colpa:

*"34. Dan ir-ragunament gie espress ukoll fil-precitata sentenza **Spiteri pro et noe v. Castle** fejn inghad illi "Il colpa aquiliana tikkorri meta d-dannu jigi kagonat f'rapport extra-kontrattwali, cioè tillimita ruhha ghal fatt tal-bniedem bhala ksur tad-dover ta' protezzjoni jew ta' dover in generali tan-"neminem laedere" kombinat man-negligenza taht l-art. 1075, 1076 tal-Kodici mentri l-colpa jew responsabilità kontrattwali tirrisali ghal kuntratt u hija fondata fuq il-vjolazzjoni tad-dover tal-prestazzjoni li l-obbligat ghandu favur il-parti l-ohra. Ghalkemm fil-Kodici taghna l-grad tal-colpa tant f'kas kemm f'iehor kien minn dejjem l-istess … **cioè dak il-grad ta' colpa li jonqos mill-"istandard" ta' diligenza tal-"bonus pater familias**[10]**"** a differenza mil-ligi taljana li biss bil-Kodici tal-1942, abbandunat il-koncett tad-dritt Ruman li "in lege aquila et levissima culpa venit", il-kawza taz-zewg kwalitajiet ta' colpa kienet minn dejjem hekk distinta fil-gurisprudenza numerusa u kostanti patrija ghal dak li jirrigwarda l-konsegwenza tad-distinzjoni fuq il-perjodu tal-preskrizzjoni."*

Minn naha l-ohra l-konvenut Raymond Micallef irribatta illi fil-qadi ta' dmirijietu huwa obda l-istruzzjonijiet tas-superjuri tieghu u agixxa b'diligenza u prudenza. Ghalhekk ma kien hemm ebda nuqqas tieghu li kkontribwixxa ghal jew iffacilita l-isgassar u s-serq tat-trakk waqt it-tragitt fl-Italja. Il-konvenut jinsisti wkoll li huwa ma tterminax ix-xoghol habta u sabta u ma jahtix ghan-nuqqas tas-socjeta' gestita mill-attur li tonora obbligi ta' xoghol ma' terzi.

**Ikkunsidrat:**

[9] App Civ nru. 1264/1991/2 : 20/02/09.

[10] Enfasi ta' din il-Qorti

Il-fatti li jirrizultaw mill-atti juru li l-attur Emanuel Farrugia[11] ilu circa tmintax - il sena jopera bhala burdnar barra minn Malta u fil-gestjoni ta' dan in-negozju huwa jhaddem diversi mpjegati.

Kien gie ffirmat ftehim ta' xoghol bejn l-attur Emanuel Farrugia li jopera n-negozju *Emanuel Farrugia International Transport* u l-konvenut Raymond Micallef[12]. Dan il-ftehim, li gie fis-sehh fit-8 ta' Jannar 2007, kien dwar garr ta' merkanizija mill-konvenut permezz ta' Trailers mill-Italja u possibilment mill-Italja ghall-Ingilterra.

Il-konvenut beda x-xoghol izda xahar wara, waqt li l-konvenut kien qieghed xoghol fl-Italja sehh episodju li ta lok ghat-talbiet imressqa mill-attur fil-proceduri odjerni.

A. <u>L-episodju tas-16 ta' Frar 2007</u>

**Joseph Saliba**, li gieli gie mqabbad mill-attur biex jaghmillu xi xoghol ta' garr bit-trakkijiet, xehed[13] illi fuq struzzjonijiet tal-istess Emanuel Farrugia huwa ntbaghat ghal dan il-ghan gewwa l-Italja nhar is-16 ta' Frar 2007. Mieghu ha lil bintu. Mal-wasla tieghu hemmhekk gie nfurmat mill-attur illi minflok id-destinazzjoni miftiehma huwa kellu jmur jiltaqa' mal-konvenut gewwa mahzen f'Vittuone. Meta x-xhud u bintu waslu fuq il-post, it-trakk tal-attur kien ghadu mhux qed jitghabba u huma flimkien mal-konvenut qattghu xi siegha jitkellmu, kielu u hadu l-kafe'. Saliba pogga l-bagalji tieghu u tat-tifla fit-trakk u wara li l-merkanzija tghabbiet got-trakk huma telqu. Huma u hergin mix-xatba tal-mahzen, Saliba jghid li l-konvenut staqsieh jekk riedx isuq hu. Saliba, li sa fejn

[11] Fol 68 et seq – affidavit tal-attur
[12] Fol 6
[13] Fol 32 et seq, fol 278 et seq u fol 425 et seq

jiftakar kien diga' saq dan it-trakk almenu darb'ohra[14], accetta u beda jsuq lejn id-direzzjoni li qallu l-konvenut: *Viale Certosa – security parking.*

Fi triqithom lejn dan il-post, Saliba nforma lill-konvenut li huwa ma kellux *credit* fil-*mobile* tieghu u kellu wkoll bzonn li jaghmel *charge* tal-*mobile*. Il-konvenut ma sabx oggezzjoni u mal-ewwel stazzjon *Auto Grill* li sabu malli hargu fl-*Auto Strada* huma dahlu fih u pparkjaw hemm. Ipparkjaw ezatt quddiem l-istation fejn ikun hemm il-pompi tal-petrol[15] izda kwazi kellhom xi jghidu ma' tal-pompa ghax qalilhom li t-trakk *"mhux suppost tipparkjah hemmhekk[16]."* Dak il-hin kienu ghadhom circa l-erbgha jew il-hamsa ta' filghaxija u kien ghadu d-dawl u l-area kienet frekwentata minn nies dak il-hin; il-post ma kienx bahh. Huwa zied jghid li ghalkemm f'dan l-*Auto Grill* fl-*Area di Servizio Rho Sud* kien hemm parkegg apposta ghat-trakkijiet, vetturi u *coaches*, huma ppreferew ihalluh fejn ipparkjaw huma biex it-trakk ikun quddiemhom *"ghax jekk tmur titfghu fl-imwarrab iktar ghandek cans li jistghu jehduhulek! Imma dan minn quddiem in-nies, qeghdin jimlew il-karozzi l-hin kollu[17]…."* kien joffri aktar sigurta' kif qal ix-xhud. Barra minn hekk, fejn ipparkjaw kien eqreb hdejn l-A*utogrill* ghax huma ma kinux behsiebhom idumu. Ix-xhud ma kienx jaf jghid jekk il-parkegg ghat-trakkijiet fl-*Autogrill* kienx mghammar b'cameras tas-Sigurta' jew cint; qal izda li ma jkunx hemm gwardja ta-sigurta'.

Huma sakkru t-trakk u hadu maghhom ic-cwievet, inkluz, skont ix-xhud, dik tal-*ignition*. Bintu marret taqdi l-bzonniijiet taghha u hu u l-konvenut marru l-*Autogrill*, hadu kafe', huwa ittopja l-credit u ccargja l-mobile. Skont Saliba

---

[14] Fol 426
[15] Skont dan ix-xhud, it-trakk gie pparkjat fejn hemm il-marka 'X' fuq ir-ritratt Dok EF 21 u fejn hemm in-numru (1) fuq ir-ritratt Dok EF22 aktar 'il quddiem minn fejn jidher trakk fir-ritratt a fol 64
[16] Fol 37
[17] Fol 37

b'kollox ma damux aktar minn 20 minuta u x'hin hargu barra it-trakk ma sabuhx u skoprew li kien insteraq**.**

Meta nstab it-trailer, dan kien ghadu ssiggillat izda l-incirata kellha bicca mqatta' fil-genb. Wara li dan ittiehed il-mahzen u hattewh intqal li kellu xi *pellets* tal-hall neqsin. Mill-bqija t-trailer kien ghadu ppakkjat sewwa[18].

Ix-xhud qal li ma kienx f'qaghda jikkummenta wisq dwar karatteristici ta' sigurta' tat-trakk ghalkemm fil-fehma tieghu, jekk it-trakk kellu dawn il-karatteristici bhal alarm ecc, dawn ma hadmux.

Saliba jghid li kien intiz li hu jiehu *over* bit-trakk u l-merkanzija minghand il-konvenut mill-mument li kellu jasal l-attur jiltaqa' maghhom cioe' meta huwa jiehu t-trakk fizikament f'idejh biex l-attur u l-konvenut jinzlu lura Malta.

Ix-xhud jghid li fil-fehma tieghu ma kellhomx obbligu javzaw lill-attur bil-waqfa taghhom f'*Rho Sud* ghax huma l-importanti kien li jwasslu l-merkanzija minn post ghall-iehor; jghaddu minn fejn jghaddu, l-aqwa li jasal ix-xoghol fil-hin u l-jum miftiehem.

**Annabelle Saliba**[19], bint Joseph Saliba u li akkumpanjat lil missierha f'din il-mawra ikkonfermat li mal-wasla taghhom l-Italja kienu nbidlu l-istruzzjonijiet minn naha tal-attur fis-sens li dan baghat lil missierha f'post differenti minn dak originarjament intiz u dan sabiex imur jiltaqa' mal-konvenut. Meta waslu hemm ghamlu xi siegha u nofs jew saghtejn sakemm tghabba x-xoghol u fil-frattemp kielu u xorbu xi haga. Meta l-merkanzija tghabbiet huma telqu minn hemm. It-trakk beda jsuqu missierha. Peress li missierha ma kellux *credit* fil-*mobile* bil-

[18] Fol 428
[19] Xhieda a fol 47 et seq

linja tal-Italja u kellu bzonn jixtri *card* tal-*mobile*, huma ghamlu waqfa fl-ewwel stazzjon li sabu. Ipparkjaw it-trakk vicin il-parti fejn hemm il-pompa tal-petrol ghat-trakkijiet u karozzi u hi tghid li *"kien kwazi ezatt ezatt quddiem l-istation*[20]*."* Ix-xhud tghid li hija marret sat-*toilet* filwaqt li missierha mar jixtri l-*card* tal-*mobile*, ha kafe mal-konvenut u hargu barra. Dan kollox f'circa hmistax -il minuta. Meta marru ghat-trakk sabu li ma kienx ghadu hemm.

**L-attur Emanuel Farrugia**[21] jghid li huwa kien ta struzzjonijiet cari lill-konvenut sabiex jghabbi l-merkanzija mill-mahzen ta' kumpanija Taljana f'Vittuone, qrib Milan, li kienet talbet is-servizzi tieghu. L-attur ikompli hekk:

*"Minn hemmhekk Micallef kellu jibqa' sejjer bit-trailer u l-merkanzija fis-security parking bl-isem ta' Parco Fiorenza fi Viale Certosa, Milan. Ghal xi raguni jew ohra pero' Micallef waqaf fl-area di servizio Rho Sud, minghajr ma' biss talab l-awtorizzazjoni tieghi jew inkella nfurmani b'dak li kien fi hsiebu jaghmel. Tul din il-waqfa t-trakk u t-trailer li kien ghadu kemm tghabba bil-merkanzija insteraq minn persuni mhux maghrufa*[22]*."*

Jispjega ukoll l-attur illi bejn id-dipartenza tat-truck minn *Vittuone* sal waqfa tieghu gewwa *Rho Sud*, kienu ghaddew biss hmistax il-minuta. Esebixxa ta' dan id-*diskette* li timmarka it-tragiet kollu ta' trukkijiet bhal dak misruq, Dok EF, li fuqha mmarka il-hin hawn imsemmi ta' kemm dam jinsaq l-istess truck sakemm gie nieqes.[23]

Kien ghal habta tas-sebgha u nofs ta' filghaxija li l-attur gie nfurmat mill-konvenut li sehhet is-serqa. Meta mar fuq il-post, l-attur jghid hekk –

[20] Fol 49
[21] Affidavit a fol 68 et seq
[22] Para 2 tal-affidavit
[23] Fol 68

*"Micallef spjegali li hu u Saliba kienu hallew it-trakk barra fejn il-pompa tal-petrol u kienu dahlu fil-parti ta' gewwa fl-area di servizio. Micallef qalli li kien halla t-trakk bi dritt l-autostrada. Jien ghidtlu li dak ma kienx post fejn jigu pparkjati trakkijiet. Ta' min jghid li f'pompi bhal dawn ikun hemm postijiet specifici fejn jithallew it-trakkijiet[24]."*

Ritratti esibiti a fol 61et seq jaghtu ndikazzjoni tal-*Area Servizio Rho Sud* u l-*Auto Grill* fejn waqaf il-konvenut flimkien ma' Joseph u Annabelle Saliba. Ghandu jigi nnutat illi l-pompa tal-petrol vicin liema pparkjaw it-trakk ma kinitx tigi ezatt faccata tal-*auto grill* ghalkemm dan jidher li ghandu l-hgieg.

Mir-rapport tas-serqa li sar mal-pulizija Taljana[25] l-attur jissenjala fost ohrajn li –

*"….f'ebda hin ma kien hemm konfront bejn Micallef, Saliba u l-persuni li serqu t-trakk u trailer. Micallef lanqas ma rraporta jekk kienx ra xi persuni mhux awtorizzati vicin it-trakk."*

L-attur jghid li t-trailer tat-trakk instab l-ghada 17 ta' Frar 2007 filwaqt li t-trakk instab jumejn wara fid-19 ta' Frar fl-inhawi ta' Cusago. Dan huwa konfermat mix-xhieda moghtija bil-procedura tar-rogatorji minn pulizija Taljan li qal ukoll li mas-sejba, mhux il-merkanzija kollha giet restitwita lill-attur[26].

L-attur ilmenta li l-konvenut kien naqas li jaghmel uzu mill-karattristici ta' sigurta' li bihom kien mghammar it-trakk. Biss biss l-*ignition key* thalliet fit-

---

[24] Fol 69
[25] Fol 76
[26] Fol 154

trakk. L-attur isemmi wkoll karatteristici ohra li jghid ma gewx attivati mill-konvenut:

- cavetta tal-*clutch* li fi kliem l-attur *"…kieku nqalghet din ic-cavetta, il-clutch tat-trakk kien jibbies ma' l-ewwel ghafsa u dak li jkun ikun fl-impossibilita' li jsuq it-trakk*[27]";
- Switch fuq id-dashboard *"li seta' jintefa u li kien jevita wkoll li l-magna tat-trakk tigi mqabbda*[28]

Il-*wires* tal-alarm instabu maqlughin mit-trakk izda l-attur ma kienx f'qaghda jghid jekk dawn kinux inqalghu b'rizultat tas-serqa jew qabel, peress li xi gimgha qabel is-serqa, waqt spezzjoni li l-istess attur ghamel fuq it-trakk kien innota li l-konvenut kien ghamel xi modifiki fit-trakk fejn kien hemm l-alarm u l-wires tieghu kienu maqlughin. Huwa kien ta struzzjonijiet lill-konvenut biex jirranga l-istess *alarm*. Ma kienx pero f'posizzjoni jghid dan fil-fatt sarx mill-konvenut.

In kontro-ezami[29], l-attur qal li kien hu li ta l-istruzzjonijiet lill-konvenut biex jghabbi l-merkanzija mill-mahzen f'Vittuone, liema struzzjonijiet hu minn naha tieghu ikun ircevihom minghand il-klijent, f'dan il-kaz RH Group Ltd. Huwa nsista li f'kaz bhal dak tal-konvenut, is-sewwieq kien obbligat li jinforma lill-attur li kien ser jieqaf biex imur sat-*toilet* jew biex jiehu kafe' ghax it-trakk kien mghobbli bil-merkanzija. Dan ghax fil-kuntratt hemm miktub li t-trakk ma jistax jithalla wahdu specjalment meta jkun mghobbi. Dwar *Rho Sud*, li l-attur huwa familjari mieghu, huwa kkonferma li l-post fejn gie pparkjat it-trakk kien imdawwal u kien aktar imdawwal mill-parking tat-trakkijiet li kien hemm fuq in-naha ta' wara tal-*area di servizio*. Zid li wara s-serqa, il-konvenut tah biss ic-

[27] Fol 70
[28] Fol 70
[29] Fol 218 et seq u fol 247 et seq

cwievet tad-*diesel* tat-trakk, izda ma tahx ic-cavetta tal-*ignition* u talbu biex ma jghidx li din ic-cavetta ma tahilux. Lanqas tal-*clutch* ma tah u dwar din ic-cavetta l-attur insista li din baqghet got-trakk ghax ma nqalghetx u mhux ghax ma tahdimx kif gie suggerit lilu[30]. **L-attur insista wkoll lil-waqfa *f'Rho Sud* damet aktar minn siegha**. Ta' dan huwa ghamel referenza ghad-*diskette* gia msemmija, li skontu turi bic-car il-hin lit-truck fil-fatt dam wieqaf gewwa dan l-istazzjon qabel ma nsteraq**.**

**Il-konvenut Raymond Micallef** xehed[31] li ftit wara li beda fl-impjieg mal-attur intbaghat l-ewwel l-Ingilterra u wara nizel l-Italja. Meta kien wasal biex ilesti l-inkarigu tieghu fl-Italja u kien qieghed jipprepara biex jinzel lura Malta, huwa rcieva telefonata minghand l-attur li qallu li kien tiela xi hadd Malti biex jissostitwih – Joseph Saliba – u biex il-konvenut jiehu hsiebu. Iltaqghu f'mahzen, Intersepione u wara li tghabbiet il-merkanzija huma qabdu t-triq lejn Viale Certosa. Skont il-konvenut, l-attur qallu biex lil Saliba jtih cans isuq ftit it-trakk matul dan it-tragitt halli jilhaq jidrah, jidra l-gerijiet. Hu u jsuq, Saliba talbu biex jieqfu fl-ewwel stazzjon li jsibu ghax kellu bzonn jiccargja l-*card* tal-*mobile* tal-Italja. Il-konvenut accetta u jkompli hekk –

*"Dhalna gol-pompa, ipparkjajna fejn il-pompi tal-petrol, fejn ahna hsibna li hu safe ghax fuq wara huwa dlam cappa taqtghu b'sikkina, ha nitkellem hekk*[32]*."*

Il-konvenut ikkonferma li t-trakk gie pparkjat minn Saliba fil-post li ndikalu l-istess konvenut biex *"ikun taht ghajnejn in-nies, taht id-dawl*[33]*"*. Bejn il-pompa fejn hallew it-trakk u l-*auto strada* ma hemm xejn, lanqas sigar; hemm biss ftit haxix. Il-hin kien circa s-sitta, s-sebgha ta' filghaxija. Ipparkjaw u qasmu t-triq

---

[30] Fol 257
[31] Fol 322 et seq, fol 371 et seq u fol 405 et seq
[32] Fol 340
[33] Fol 340

biex imorru l-*Autogrill*. Bejn wiehed u iehor hemm distanza ta' ghoxrin, hamsa u ghoxrin pied. It-tifla ta' Joseph Saliba marret sat-*toilet* ghax l-ajruplan kien ghamlilha d-deni. Ma damitx aktar minn kwarta. Sakemm lestiet, il-konvenut u Saliba qaghdu barra u t-trakk setghu jarawh sew faccata taghhom. X'hin harget it-tifla, ilkoll imxew xi ghoxrin pied ohra, dahlu l-*Autogrill*, hadu kafe' u Saliba ccargja l-*mobile* (cioe' l-*credit* tal-*mobile)*, li ha *circa* 10 minuti. Ma kielu xejn minn hemm. Malli l-*mobile* gie ccargjat, huma hargu u skoprew li t-trakk kien sparixxa. Il-konvenut cempel lill-attur biex jinfurmah. L-attur dak il-hin kien qieghed Campo Galiano, madwar tlett sighat 'il boghod. Sadanittant il-konvenut u Joseph Saliba marru jaghmlu rapport ghand il-Carabinieri. Joseph Saliba kellu fil-pussess tieghu tlett cwievet imwahhlin mal-*keychain* li wriehom lill-Carabinieri – wahda tal-bieba tat-trakk, ohra tat-tapp tad-*diesel* u cavetta tal-*ignition*. Ic-cavetta tal-GPS, tas-satellita kienet baqghet fit-trakk ghax skont il-konvenut ma kinitx tahdem u ma kinitx tohrog minn postha. L-affarijet personali taghhom inkluz xi flus ta' Saliba kienu kollha got-trakk meta nsteraq. Eventwalment huma marru lura l-*Autogrill* fejn imbaghad mar jiltaqa' maghhom l-attur. L-attur staqsa il-ghala waqfu *f'Rho Sud* u l-konvenut wiegeb li dan kien minhabba l-bzonnijet ta' Saliba u bintu. L-attur irrabja hafna minhabba dak li gara.

Dwar dawl, il-konvenut spjega li l-*area* fejn ipparkjaw it-trakk kien hemm xi tubi. Rega' sahaq li huma pparkjaw vicin il-pompa ghax din tkun miftuha 24 siegha u allura jkun hemm attivita' regolari fil-vicinanzi taghha.

Meta t-trakk misruq instab, l-attur qallu li kollox kien sew u li bhala xoghol xi zewg *pellets* hall insterqu minnu. Insterqu wkoll effetti personali kemm tal-konvenut u anke ta' Joseph Saliba u bintu.

## B. Responsabbilta' ghal dan l-episodju

Fl-ewwel zewg talbiet tieghu, l-attur jinsisti li l-konvenut ghandu jgorr ir-responsabbilita' ghal dak li sehh u dan ghaliex fil-fehma taghhom il-konvenut:

(i) naqas milli jobdi l-ordnijiet moghtija lilu mill-attur meta waqaf fl-*Area di Servizio Rho Sud* nonostante li l-istruzzjonijiet li kellu kienu li jibqa' sejjer ghas-*Security Parking* f'Parco Fiorenza, fi Viale Certosa, limiti ta' Milan;

(ii) naqas milli juza l-prudenza u d-diligenza kollha necessarja fic-cirkostanzi waqt li t-trakk u t-trailer kollu merkanzija kienu fil-pussess tieghu, meta huwa ipparkeggja t-trakk VOL 400 f'post fejn mhux suppost li jsir parkegg ta' vetturi, halla l-*ignition key* fuq gewwa dan l-istess trakk u lanqas ma assikura li t-trakk u t-*trailer* ikunu mghassa tajjeb u kif imiss fl-assenza tieghu.

Mill-provi rrizulta car li l-istruzzjonijiet li nghataw lill-konvenut fis-16 ta' Frar 2007 kienu li mill-mahzen f'Vittuone huwa jmur fis-*security parking* fi Viale Certosa. L-attur jinsisti li kien hu li ta dawk l-istruzzjonijiet; il-konvenut jghid li tahomlu John Hyland Tal-RH Group Ltd. Apparti li Hyland imkien ma qal li l-istruzzjonijiet kien tahom huwa, f'kull kaz izda, l-attur kien qieghed jagixxi ghan-nom ta' u jircievi struzzjonijiet minghand din is-socjeta' ingliza. Ghalhekk bhala fatt, huwa rilevanti li dawn l-istruzzjonijiet inghataw lill-konvenut minn superjuri tieghu u huwa kien obbligat li jimxi maghhom.

Wahda mill-kundizzjonijiet imnizzla fil-kuntratt ta' xoghol tal-konvenut kienet tghid hekk:

***"It is extremely important that you inform me before you take any actions."***

L-attur jinsisti li bin-nuqqas tieghu li jitlob il-permess tal-attur sabiex jaghmel din il-waqfa f'*Rho Sud*, il-konvenut mhux biss kiser l-ordnijiet u l-istruzzjonijiet moghtija lilu, izda wkoll kiser l-obbligi kontrattwali tieghu fil-konfront tal-attur.

Minn naha l-ohra, l-konvenut jikkontesta din l-interpretazzjoni moghtija mill-attur. Huwa jinsisti li l-ispirtu tal-ftehim ma kienx restrittiv tali li sewwieq ma jistax jieqaf biex juza facilitajiet sanitarji jew jiehu pawsa bejn tragitt u iehor. L-intendiment huwa skont il-konvenut, illi ma ghandhiex tittiehed azzjoni unilaterali u fit-tul mis-sewwieq li tista' tipperikola t-trakk u l-merkanzija.

Hija regola bazilari tal-ligi civili li kuntratti maghmula skont il-ligi ghandhom sahha ta' ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom u ma jistghux jiġu mhassra hlief bil-kunsens tal-partijiet, jew għal raġunijiet magħrufin mill-ligi[34]. Il-kuntratti ghandhom jigu esegwiti bil-*bona fidi*, u jobbligaw mhux biss għal dak li jinghad fihom, iżda wkoll għall-konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obbligazzjoni skont ix-xorta taghha, bl-ekwità, bl-uzu jew bil-liġi[35]. Inoltre, meta l-kliem ta' kuntratt, mehud fis-sens skont l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ghal interpretazzjoni[36].

Din il-kundizzjoni citata tpoggi mportanza kbira fuq il-htiega li fil-kors tax-xoghol tieghu, il-konvenut jinforma lill-attur qabel jiehu **KULL** azzjoni. Mehuda fil-kuntest tal-ftehim shih, id-dicitura hija riferibbli ghal **<u>kull azzjoni,</u>**

[34] Art 992 tal-Kodici Civili
[35] Art 993 tal-istess Kodici
[36] Art 1002 tal-istess Kodici

**minghajr ebda distinzjoni, li tolqot it-trakk, il-merkanzija u t-tragitt taghhom minn post ghall-iehor**.

Din l-interpretazzjoni ghal mod kif kellu jigi mifhum u mhaddem il-ftehim ta' bejn Farrugia u Micallef ssib aktar applikazzjoni tenut kont ta' dak regolat bil-**Convention on the Contract for the International Carriage of Goods by Road (CMR),** llum integrat fil-ligi Maltija bhala il-Kap 486. L-artikolu 3 ta' l-istess konvenzzjoni jaqra;

*"For the purposes of this Convention the carrier shall be responsible for the acts of omissions of his agents and servants and of any other persons of whose services he makes use for the performance of the carriage, when such agents, servants or other persons are acting within the scope of their employment, as if such acts or omissions were his own",*

**Car mid-dicitura ta' dan l-artikolu lli r-responsabilta' tal-merkanzija fdata li titwassal fid-destinazzjoni taghha tibqa a karigu tal-*carrier*, irrelevanti u ndipendentement mill-azzjonijiet ta' l-agenti tieghu.**[37]

Fil-kaz odjern, il-konvenut kellu struzzjonijiet cari biex minn Vittuone huwa jmur fis-*security parking* fi Viale Certosa – **distanza ta' kwarta kollox bejn lok u iehor**[38]**.** Il-Qorti tqis li l-waqfa li saret fil-frattemp fl-*Area di Servizio Rho Sud* hija klassifikabbli bhala azzjoni li skont il-ftehim il-konvenut kellu jinforma lill-attur dwarha, il-ghaliex kienet timplika li t-trakk, bil-merkanzija b'kollox kien ser jigi pparkjat ghal certu hin f'zona u f'lok li ma kienx inkluz fl-itinerarju ufficjali tal-vjagg bil-konsegwenzi kollha li dan igib mieghu.

---

[37] Ara **Albert Abela vs S.Mifsud & Sons Ltd**. P.A. 23 TA' Ottubru, 2001
[38] Enfasi ta' din il-Qorti.

Tajjeb jinghad li r-raguni tal-waqfa ma kinitx xi emergenza izda biex Joseph Saliba jiccargja l-*mobile* tieghu:

*"Xhud – Mr Joseph Saliba:-*

*Ghax ahna malli tlaqna….malli bdejt insuq jiena dorna mar-*roundabout *u hekk, ghedtlu "Raymond, hares," ghedtlu "jiena ma ghandix credit fil-mobile taf! Ghedtlu "u rrid niccargja l-mobile". Qalli "mhix problema". Giet l-ewwel station x'hin hrigna fuq l-Auto Strada, ghidtlu "hawn hu l-istation". Dhalna go l-istation, ipparkjajna t-trakk quddiem…..*[39]*."*

L-uzu tal-facilitajiet sanitarji minn bint Saliba matul il-waqfa kien wiehed sekondarju u mhux il-kawza tal-waqfa. Inoltre, f'dak il-hin kien Joseph Saliba li kien qieghed isuq it-trakk u ghalhekk il-konvenut ma jistax jghid li sabx hin li jinforma lill-attur dwar din il-waqfa. Hawnhekk li jemergi l-ewwel nuqqas tal-konvenut.

Kundizzjoni ohra stipulata fil-ftehim tghid hekk –

"***It is also important that you do not abandon the truck, trailer and the work without my permission, because if you do so you will be responsible for all the consequences."***

Bhala fatt u kif urew il-provi, il-konvenut la nforma lill-attur bil-waqfa f'*Rho Sud* u wisq inqas ottjena l-permess tieghu. Il-kwistjoni li tqum f'dan l-istadju hija jekk l-azzjoni tal-konvenut kinitx ukoll tammonta ghal "abbandun" tat-

[39] Fol 37

trakk b'dana li l-konvenut jitqies li rrenda ruhu responsabbli ghall-konsegwenzi li sehhew nhar is-16 ta' Frar 2007.

Fl-ewwel lok, u mehuda fil-kuntest shih ta' din il-klawsola, il-Qorti ma tqisx li l-"abbandun" tat-trakk timplika l-azzjoni drastika li biha s-sewwieq jitlaq il-vettura x'imkien ghal dejjem  minghajr intenzjoni li jirritorna ghalih, kif qieghed jargumenta l-konvenut. Tali nterpretazzjoni ma taghmilx sens tenut kont li l-klawsola ssemmi l-htiega ta' permess tas-sid tat-trakk. Huwa ghalhekk ragjonevolment mifhum li b'din il-klawsola l-partijiet ftehmu li l-**<u>konvenut ma kellux jitlaq jew jallontana ruhu mit-trakk, mit-trailer u mix-xoghol minghajr il-permess tal-attur, altrimenti jiffaccja l-konsegwenzi</u>**.

X'ghamel il-konvenut malli waslu *Rho Sud*? Huwa ta struzzjonijiet lil Joseph Saliba biex jipparkja vicin il-pompa tal-petrol - ghax fil-fehma tieghu din iz-zona kienet "*aktar sikura"* - ra li t-trakk issakkar (bl-*ignition key* go fih[40]) u telaq ma' Saliba jiehu kafe u sabiex l-istess Saliba jiccargja l-*mobile* tieghu. Huwa minnu li fizikament ma kienx hemm distanza twila hafna bejn il-lok fejn kien ipparkjat it-trakk u l-*Auto Grill,* izda dan il-fatt wahdu wkoll ikompli jikxef in-nuqqas ta' osservanza tal-obbligi tal-konvenut.

Kif tghid Annabelle Saliba:

*"…kif tidhol fl-istation* ***it-trakk jekk toqghod taghti kasu u toqghod attent biex tara t-trakk – it-trakk kont tarah***[41]*.* ***Pero' jekk tidhol fl-istation u inti tkun mohhok mistrieh li inti t-trakk sakkartu u kollox <u>mhux ser toqghod taghti kaz</u>*** *– tghid 'all right, kollox safe', u tidhol….*

[40] **Ma jistax ikun li din tnehhiet mit-trakk meta pparkjaw il-ghaliex instabet go fih meta gie rintraccat mill-Carabinieri**

[41] Tipa grassa b'enfasi tal-Qorti

Missierha Joseph Saliba jkompli li ghalkemm minn fejn kienu huma fl-*Auto Grill* setghu jaraw it-trakk, huwa qal hekk: *"Ifhimni, it-trakk ipparkjat hemm barra,* ***imma inti m'intix ha toqghod thares il-hin kollu hemm hekk****!!"*

U huwa proprju dan li sehh - li fil-perjodu li waqfu *Rho Sud*, il-konvenut mhux talli allontana ruhu fizikament mit-trakk bil-merkanzija b'kollox li go fih thalliet l-*ignition key*, talli minkejja li huwa kien f'pozizzjoni li seta' jzomm it-trakk taht ghajnejh, huwa m'ghamilx dan, agir li hu kompatibbli ma' abbandun tat-trakk u l-merkanzija ghal rihu fil-perjodu tal-waqfa fl-*Area di Servizio Rho Sud*. Inoltre meta l-Qorti tqis l-attivita' tal-konvenut u l-familja Saliba – uzu tal-facilitajiet sanitarji minn bint Saliba, stennija wara n-nies biex jigi ccargjat il-mobile ta' Saliba, ic-*charge* innifsu tal-*mobile* u l-pawsa ghall-kafe' – difficilment il-Qorti temmen li huma damu biss madwar kwarta ma rritornaw lejn it-trakk.

Dan kollu jorbot ukoll mal-kwistjoni dwar jekk il-konvenut naqasx fl-uzu tad-diligenza u l-prudenza waqt li t-trakk kien fil-kustodja tieghu. Il-Kodici Civili jipprovdi hekk:

*"1031. Iżda, kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu.*

*1032. (1) Jitqies fi ħtija kull min bl-egħmil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja.*

*(2) Ħadd ma jwieġeb, fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa tal-liġi, għall-ħsara li tiġri minħabba nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb fi grad akbar."*

Il-Qrati taghna spiss analizzaw dan l-aspett. Fil-kaz **David Brincat et vs Francis Sammut et deciz fit-28 ta' Gunju 2016**[42], intqal hekk:

*"Il-mertu tal-azzjoni hu l-hsara subita mill-atturi, il-kagun ta' tali hsara u l-individwazzjoni tar-responsabilta ghal tali hsara.*

*Ghas-success ta' azzjoni bhal dik de quo, hemm il-htiega Ii I-atturi konkretament jistabblixxu u jipprovaw, fil-grad rikjest mill-ligi f'kawzi simili, tlett ingredjenti fundamentali b'mod kumulattiv ossija: i. fl-ewwel lok, li kien hemm kondotta kolpuza tal-konvenuti li tirradika l-htija ai termini tad-disposizzjonijiet pertinenti tal-Kodici Civili; ii. fit-tieni lok, li jaghtu prova tal-hsara minnhom subita u tali prova ghandha tkun materjali u konkreta; u iii. fit-tielet u l-ahhar lok, li jirnexxielhom jorbtu l-ewwel punt mat-tieni wiehed tramite ness ezjologiku ta' kawzalita, li jfisser li kienet il-kondotta kwazi-delittwuza tal-konvenuti Ii direttament kkagunat is-sinistru……*

*Illi huwa pacifikament assodat illi biex Qorti ssib htija u responsabbilita' fil-kondotta ta' ndividwu, u sussegwentement dan jigi kkundannat jindennizza lid-danneggjat fl-ambitu tal-kolpa extra-kontrattwali (senjatament fil-kwazi-delitti fejn hemm mankanti d-dolo), dak l-aspett li ghandu jigi ezaminat huwa l-kondotta materjali li l-allegat danneggjant assuma. Tali kondotta tista' tkun kemm kommissiva u kemm ommissiva. Hu dan il-komportament li ghandu jigi dettaljatament valutat, sabiex fih jigu ritraccjati, inter alia, jekk kienx hemm xi mankanzi fid-dover ta' hsieb, prudenza u diligenza ta' bonus paterfamilias, jew ezistenza ta' negligenza fid-doveri imposti mill-ligi, jew ta' traskuragni, sfrontatezza jew imprudenza Ii tikkostitwixxi att jew fatt illecitu rizarcibbli.*

[42] Rik Gur 1120/12

*Illi hi disposizzjoni esplicita tal-Kodici Civili li f'materja ta' danni akwiljani "kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu" (artikolu 1031). L-istess Kodici jissokta jippreciza illi l-htija tissussisti f'min "ma juzax il-prudenza, diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja" (artikolu 1032(1)). Addizjonalment hu maghruf, sija fid- duttrina u sija fil-gurisprudenza patria, Ii biex ikun hemm lok ghad-danni hu mprexxindibilment mehtieg li, apparti l-prova tad-dannu arrekat, fl-ewwel lok jkun hemm htija u li d-dannu u l-htija jkunu interkonessi intimament b'ness kawzattiv. Issir referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet* ***Charles Gauci et vs. Maria Borg Mizzi et noe*** *(PA 25/11/2004) fejn nsibu li, "Fil-kaz fejn persuna tallega li tkun garrbet hsara minhabba l-ghemil jew I-omissjoni tal-parti l-ohra, jehtieg li min jallega Ii garrab dannu jehtieg jipprova kemm l-att jew l-omissjoni tal-persuna mixlija bir- responsabbilta ta' dak l-ghemil jew ta' dik l-omissjoni, u kif ukoll Ii d-danni mgarrba huma l-effett konsekwenzjali ta' dak l-ghemil jew ta' dik l-omissjoni".*

Applikati dawn il-principji gurisprudenzjali kollha s'issa riferuti ghall-kaz odjern, il-Qorti tirriskontra nuqqas ta' diligenza u prudenza bhala *bonus pater familias* da parti tal-konvenut f'din il-vicenda fuq diversi livelli:

1. Kif inghad, il-konvenut naqas li jinforma jew jiehu permess minghand is-superjur tieghu ghal din il-waqfa;

2. Il-linja ta' difiza tal-konvenut hi fis-sens li ghax huwa ta struzzjonijiet biex it-trakk jigi pparkjat f'zona hdejn il-pompa ghax hija aktar imdawla, fiha l-*cameras* tas-sigurta' u hija passagga - *ergo* fil-fehma tieghu aktar "sikura" - bhal donnu jippretendi li huwa ezima ruhu minn kull responsabbilta' minn hemm 'il quddiem. Certament dan mhux il-kaz. Ebda fattur imsemmi mill-konvenut ma jipprovdi xi "garanzija" ghas-

sigurta' tat-trakk u l-merkanzija; l-eventi li sehhew fil-fatt urew mod iehor;

3. L-allontanament personali tal-konvenut mit-trakk f'*Rho Sud* kien irresponsabbli fih innifsu. Huwa stess ammetta li Joseph Saliba kien familjari mal-mestier tas-sewqan tat-trakkijiet fl-esteru inkluz l-Italja[43], u l-istess Joseph Saliba ddeskriva dawn l-*Autogrills* bhala "*l-familja u d-dar taghhom*"[44] ghax spiss kien jiffrekwentahom meta jkun xoghol barra minn Malta. Dan juri li Joseph Saliba zgur kien kapaci jfendi ghal rasu minghajr assistenza f'dan l-*Auto Grill* u zgur ukoll li bintu kienet kapaci ssib il-facilitajiet sanitarji wahedha. Difficilment allura l-Qorti tara xi bzonn impellenti kellu l-konvenut li jhalli t-trakk wahdu, mghobbi bil-merkanzija, biex imur jakkumpanja lil Saliba;

4. Lanqas ma jirrizulta li kien hemm xi gustifikazzjoni ghall-konvenut biex jallontana ruhu mit-trakk ghal pawsa mix-xoghol. Kif irrizulta mill-mappa a fol 72[45], il-vjagg minn Vittuone ghas-*security parking* fi Viale Certosa ma kienx vjagg twil. U l-hin bejn Vittuone u l-*area di servizio Rho Sud* fejn waqaf it-trakk kien ferm iqsar[46]. L-attur xehed b'mod mhux kontradett li l-mahzen ta' Vittuone kellu facilitajiet sanitarji u ta' ikel disponibbli u li l-konvenut, li sa ftit hin qabel kien hemmhekk, kellu c-cans u hin bizzejjed[47] biex jiehu tali pawsa u jaqdi l-bzonnijiet tieghu. Evidentement din il-pawsa hadha l-konvenut ghax kif ikkonfermaw Joseph Saliba u bintu, huma kienu anke kielu u xorbu waqt li qed jistennew it-tghabija tal-merkanzija titlesta.

---

[43] Fol 390p u fol 421
[44] Fol 295
[45] Dok EF 1 annessa mal-affidavit tal-attur
[46] Fol 75 – disc record sheet
[47] Fol 74 – Trip Sheet tat-Trakk VOL 400 – il-konvenut kien ilu li wasal Vittuone mis-1.15pm u mix-xhieda ta' Joseph u Annabelle Saliba damu hemm bejn siegha u saghtejn hemm.

5. Ghalkemm il-konvenut assikura ruhu li gewwa *Rho Sud* it-trakk issakkar minn barra, il-provi wrew diversi nuqqasijiet da parti tieghu ghal dik li hi sigurta'. Infatti nonostante l-karatteristici ta' sigurta' li kien mghammar bihom it-trakk VOL 400 u li setghu jipprevjenu azzjoni ta' serq, il-konvenut ma haddem ebda wahda minnhom. L-*ignition key*, kif inghad, thalliet fit-trakk. Lanqas ic-cavetta tal-*clutch* ma nqalghet – ghalkemm il-konvenut jghid li din ma kinitx tinqala' minn postha, ebda prova konkreta dwar dan ma ngiebet. Is-switch tad-*dashboard* ukoll ma ntefiex – irizulta mill-provi illi li kieku dan intefa' kien jigi evitat li l-magna tat-trakk tigi mqabbda. Minn dawn il-prekawzjonijiet, il-konvenut ma ha xejn;

6. Huwa veru li ghal dik li hi *alarm* tat-trakk, hemm dubju jekk din kinitx qeghda tiffunzjona jew le f'dak il-perjodu[48]. Izda la l-konvenut kien accetta li jsuq it-trakk kif inhu, u kien qieghed jezegwixxi l-inkarigu tieghu f'dak iz-zmien, ma jistax igib skuzi. Anzi, la kif qed jinsisti huwa stess, l-alarm ma kinitx qeghda tiffunzjona **u hu dan kien jafu**, aktar kien imissu qaghad attent;

7. Dan kollu - mehud fl-isfond tal-prezunta konsapevolezza tal-konvenut li l-Italja huwa pajjiz maghruf ghas-serqiet kif juru l-linji gwida tal-Federazzjoni Internazzjonali tat-Trasportaturi fuq it-Triq (FIATA) citati minnu stess fis-sottomissjonijiet tieghu[49] - juri li l-konvenut kien imissu uza aktar prudenza u diligenza biex ma jhallix it-trakk, mghobbi bil-merkanzija, wahdu fl-*Area di Servizio* in kwistjoni;

[48] Ara wkoll xhieda ta' Christopher Caruana a fol 400
[49] Fol 566

8. Diga' ntwera, a skans ta' ripetizzjoni, li fl-*Area di Servizio Rho Sud*, il-konvenut mhux talli telaq minn hdejn it-trakk, talli fl-allontanament tieghu huwa lanqas biss zamm it-trakk taht ghajnejh, xi haga li kif irrizulta mill-provi, huwa seta' facilment jaghmel bi prudenza u diligenza ordinarja. Ma' dan il-Qorti zzid biss illi li kieku l-konvenut almenu ssorvelja t-trakk b'mod prudenti u diligenti waqt li allontana ruhu, difficilment li kien jigri dak li gara. Wara kollox it-trakk in kwistjoni kien ta' qies konsiderevoli[50] u ghalhekk kwalunkwe moviment jew caqliqa tieghu kienet tkun vizibbli. Minn dan kollu il-konvenut ma ghamel xejn. Anzi, kif jirrizulta mir-rapport tal-pulizija Taljana esibit in atti huwa lanqas biss innota xi movimenti minn persuni suspettuzi madwar it-trakk – evidenza cara li huwa kien il-boghod u aljenat bizzejjed mit-trakk li ma ntebah b'xejn;

9. Il-konvenut lanqas jista' jwahhal f'Joseph Saliba ghal dak li gara. Huwa minnu li kien Saliba li talab li jaghmel waqfa matul il-vjagg bejn Vittuone u Viale Certosa u huwa minnu wkoll li f'dak il-vjagg it-trakk kien qieghed jinstaq minn Saliba. Izda dan ma jxejjen xejn mir-responsabbilta' tal-konvenut li f'dak il-mument f'idejh kienet fdata l-kustodja tat-trakk u l-merkanzija. Anzi, jirrizulta li Saliba staqsa lil konvenut jekk jistghux jieqfu u l-konvenut accetta. Jinghad ukoll li l-istruzzjonijiet, *ergo* r-responsabbilta' tat-tragitt bejn post u iehor – minn Vittuone sa Viale Certosa inghataw specifikatament lill-konvenut. Kien jinkombi fuqu ghalhekk li jagixxi bi prudenza u diligenza biex jaccerta ruhu li jwassal it-trakk u l-merkanzija minn destinazzjoni sa ohra minghajr intoppi jew problemi sakemm dawn ma jkunux lil hinn mill-kontroll ragjonevoli tieghu. Saliba kien ghadu kemm wasal minn Malta u l-intendiment kien li jiehu over minghand il-konvenut Micallef wara li jitlaq Micallef izda

[50] Vide ritratt a fol 277

mhux qabel. Huwa veru li hemm nuqqas ta' qbil dwar meta ezatt kellu jiehu *over* Saliba ghax filwaqt li Saliba jghid li dan kellu jsehh minn dakinhar stess malli jasal l-attur[51] u l-attur jghid mill-ghada[52]. Izda f'kull kaz, huwa zgur li **fil-mument li t-trakk kien ipparkjat f'*Rho Sud* it-trakk kien ghadu taht ir-responsabbilta' tal-konvenut**.

Huwa pacifiku li bhala regola generali s-serq huwa meqjus bhala kaz fortuwitu, izda kif anke konfermat fil-gurisprudenza, meta dan l-*event* seta' gie ragjonevolment evitat bl-uzu ta' diligenza u prudenza ordinarja mill-persuna li kellha l-kustodja tal-oggetti misruqa, allura dik il-persuna ghandha twiegeb ghal ghemilha. Fid-decizzjoni fl-ismijiet **Compunet Limited (C21611) vs. B.A.S. Limited (C444)** [53]inghad**;**

"Illi ghal kuntrarju *"quando invece si ha la violazione di un dovere, ed una volontaria ommissione di diligenza per cui non si prevedono le conseguenze della propria azione ed ommissione e si viola il diritto altrui, senza volerlo ed anche senza avvedersene, allora si ha non il caso fortuito, ma la colpa ed il quasi delitto"* **("Publio Azzopardi –vs- Antonio Arcicovich et"** A.K - 14 ta' Novembru 1919; **"Bezzina –vs- Grech et"**, K - 7 ta' Gunju 1938; **Costantino Fenech –vs- Camillo Gatt"** - P.A. - 17 ta' Mejju 1902; **"Micallef noe –vs- Gasan nomine"** K. - 20 ta' Jannar, 1930).

Ukoll illi *"s-serq ghandu jkun ekwiparat ghal kaz fortuwitu u ghalhekk ghandu jsofrieh il-proprjetarju tal-oggett misruq, ammenoche ma jkunx hemm xi htija ta' min kien depozitarju ta' dak l-oggett li titfa' l-htija fuqu*

[51] Fol 46
[52] Fol 69
[53] P.A. 30/06/2010 R.C.P. 798/2006

*ta' dak il-*kaz fortuwitu" **("C. Bianco –vs- Carmelo Ciantar"** -Vol XXXII pI p532; **Giuseppe Lia –vs- Peter Endrich"** -Vol XLI pII p998).

A bazi ta' principji analogi fuq l-obbligi tad-depozitarju, il-Qorti qalet hekk fil-kaz **John Mary Sammut vs Emanuel Fenech deciz fid-29 t'Ottubru 2003**[54] -

*"Id-depozitarju huwa obbligat juza fil-kustodja ta' l-oggetti depozitati ghandu l-istess diligenza li huwa juza fil-kustodja ta' hwejgu - Art. 1899 Kodici Civili. Dan il-principju huwa applikat b'akbar rigur meta d-depozitu huwa salarjat milli meta jkun maghmul gratwitament u fuq bazi ta' hbiberija - Art 1900. Id-depozitarju pero' mhux responsabbli ghall-accidenti li jigru b'forza magguri. Is-serq ta' oggett depozitat jammonta ghal kaz fortuwitu meta d-depozitarju jkun ha l-prekawzjonijiet xierqa biex is-serq ma jsirx. Id-debitur jibqa' dejjem responsabbli ghall-inadempiment ta' l-obbligazzjoni minnu assunta sakemm ma jippruvax li l-inadempiment kien dovut ghal kawza estranea, forza magguri jew kaz fortuwitu; b'mod li hu jibqa' dejjem tenut jekk l-obbligazzjoni ma gietx adempita bi htija tieghu jew ta' terzi persuni mqabbdin minnu - Vol 37 p1 p 197. Jekk id-depozitarju jinvoka l-kaz fortuwitu bhala motiv ta' l-esenzjoni tieghu mill-hsara li ssofri l-haga depozitata, l-prova tal-kaz fortwitu hija mixhuta fuqu - Vol 37 p1 p 440. Skond il-principji tad-dritt,* ***biex ikun hemm il-kaz fortuwitu mhux bizzejjed li jkun hemm avveniment insolitu, sproporzjonat, u li jkun prodott mill-forzi tan-natura, imma jehtieg li jkun inevitabbili, b'mod li ma jistax jigi evitat bid-diligenza ordinarja tal-bonus pater familias*** *- Vol 37 p 2 p 638."*

Minn dan kollu l-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li bin-nuqqasijiet komplessivi tieghu, il-konvenut espona u pogga t-trakk VOL-400 u lill-merkanzija ghal riskju bla bzonn ta' azzjonijiet ta' terzi ghad-dannu tat-trakk inkluz vandalizmu

[54] Cit 1647/99

u serq. Ir-responsabilta' tieghu timmanifesta ruhha aktar il-ghaliex huwa kien proprju mhallas biex jittrasporta u jwassal it-trakk u l-merkanzija minn post ghal iehor - **dan bl-obbligu inerenti ghalhekk li jiehu hsieb l-istess trakk u merkanzija bhala *bonus paterfamilias* tul it-tragitt kollu.** Fil-fehma tal-Qorti l-provi urew li r-riskju li l-konvenut pogga lit-trakk u l-merkanzija fih bl-agir tieghu seta' gie evitat bi prudenza u diligenza ragjonevoli da parti tal-konvenut. Ta' dawn in-nuqqasijiet tieghu huwa ghandu jirrispondi ghad-danni konsegwenzjali.

Kieku ghal grazzja ta' l-argument din il-Qorti kellha taccetta l-interpretazzjoni aktar laxka lill konvenut jaghti lil ftehim bejnu u l-attur fil-konfront tal-premess mehtieg mis-sewwieq biex jieqaf jaqdi l-bzonnijiet tieghu, xorta terga tasal ghal-konklussjoni identika. *Mettiamo che* wiehed ma jkunx daqshekk ristrettiv f'din l-interpretazzjoni, fejn allura l-konvenut ma kienx dovut qatt javza lil attur b'din il-waqfa tieghu, pero xorta ma jistax jezimi lilu nnifsu mir-responsabbilta' ta' l-akkadut ghar-ragunijiet gia esposti li juru n-negligenza u nuqqasijiet tieghu fil-konfront tal-harsien ta' l-istess vettura.

**Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti sejra tilqa' l-ewwel zewg talbiet tal-atturi, u ghall-istess ragunijiet, l-ewwel hames eccezzjonijiet tal-konvenut sejrin jigu respinti.**

**C. Danni konsegwenzjali ghas-serqa (assikurazzjoni tat-trakk u l-merkanzija)**

L-attur jghid li huwa sofra finanzjarjament minhabba s-serqa. Huwa jghid hekk:

*"Ibda biex kelli qabel xejn inhallas somma ta' tmien mitt ewro (€800) biex jiena stajt gbart lura t-trakk minghand il-Pulizija Taljana. Fit-tieni lok, skont il-*

*kundizzjonijiet tal-polza ta' l-assikurazzjoni tieghi, it-Tower Gate Risk Solutions ta' l-Ingilterra, jiena obbligat naghmel tajjeb ghall-ghoxrin fil-mija (20%) tat-telf li sofrew il-klijenti per konsegwenza tas-serqa……Skont l-ahhar kuntratt li sar mal-kumpanija assikuratrici, l-ammont li jiena se jkolli nhallas sejjer ilahhaq tmint elef hames mija u sebghin Ewro u disghin ewro centezmu (€8570.90)…Nghid ukoll li wiehed mit-tlett claims li jiena rrid naghmel tajjeb jinsab maghluq u fil-fatt jiena rcevejt invoice ghal dan il-hlas*[55]*."*

Minn naha tieghu il-konvenut, permezz tas-sitt eccezzjoni tieghu qieghed jikkontesta l-pretensjoni attrici li huwa ghandu jaghmel tajjeb ghal 20% tas-somma li hija dovuta mill-kumpanija assikuratrici lis-sidien tal-merkanzija.

Gew esibiti diversi dokumenti in sostenn ta' dak pretiz mill-atturi:

**Dok EF 8 – Freight Operators' Liability Schedule**[56] jipprovdi hekk:

*"ENDORSEMENT 1 – APPLICABLE WHILST IN ITALY*

*This policy does not cover liability, loss, destruction or damage in respect of or arising from or caused by theft of or from vehicles and/or trailers and/or containers which is/are owned or operated by the Assured when left unattended whilst in the care and custody of the Assured unless in a security compound or recognised lorry park or in collection or delivery premises and such vehicle and/or trailer and/or container has all the openings closed and securely locked and all keys removed so far as local fire regulations permit.*

[55] Fol 70 u 71
[56] Fol 80 et seq

*Notwithstanding the above in the event of non-compliance with these provisions the Insurers shall be liable to pay 80% of any claim for which the Insurers would have been liable but for the said provisions and/or conditions provided always that the Assured shall bear the remaining 20% of any such claims."*

**Dok EF 9 – Ittra datata 8 ta' Jannar 2008**[57] permezz ta' liema l-attur gie nfurmat li huwa ghandu jaghmel tajjeb ghal dawn l-20% tal-*claim*.

**Dok EF 11 – Email datata 15 ta' Mejju 2008** minghand Johanna Bailey in rapprezentanza ta' Towergate Underwriting Group Limited lid-difensur tal-atturi [58] li tghid hekk:

*"The claim has not yet been settled although offers of settlement have been sent to the various parties who had goods on the trailer. Once the claims have all been accepted I will be able to confirm the final amount due by Mr Farrugia. The total amounts being proposed by the Loss Adjuster would leave Mr Farrugia owing €4,948.54, €351.74 and £2,589*[59]*."*

It-total jammonta ghal **€8,231.31**. Naturalment u kif dikjarat, dawn huma figuri approssimattivi u mhux finali.

L-istess **Johanna Bailey** elaborat aktar fid-dettal dwar l-implikazzjonijiet ta' din il-polza t'assikurazzjoni fix-xhieda taghha tad-19 t'Awissu 2009[60]. Hija kkonfermat li sa dakinhar l-attur kien diga' hallas is-somma ta' £2,589.60 direttament lil Freight Services Limited. Tkompli tghid li –

[57] Fol 87
[58] Fol 90
[59] circa €2931.03
[60] Fol 119 et seq

*"However, there are still claims outstanding from the owners of the goods on the trailer. It is believed that should all the claims be pursued, a total claim amount of approximately £30,000 would be paid leaving a contribution from Mr Farrugia of approximately £6,000 being 20% of the amount of the claim*[61]*."*

Il-Qorti wara li qieset dawn il-provi tqis li ghandha tillikwida *arbitrio boni viri* s-somma ta' (€8,000) li ghandu jaghmel tajjeb ghalihom il-konvenut u dan ghaliex l-atturi huma kostretti jinkorru spejjez relatati mal-assikurazzjoni b'rizultat dirett ta' dak li sehh fis-16 ta' Frar 2007.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda ghalhekk tilqa' r-raba' u l-hames talba tal-atturi fir-rigward ta' din il-parti tal-mertu u tillikwida danni ta' tmint elef Ewro (€8,000) a favur tal-atturi. Ghar-ragunijiet indikati, is-sitt eccezzjoni tal-konvenut sejra tigi respinta.**

**D. Allegazzjoni dwar ksur ta' obbligi kontrattwali tal-konvenut meta habta u sabta huwa ttermina l-kuntratt ta' mpjieg definit tieghu mal-atturi**

Fit-tielet talba taghhom l-atturi qeghdin jitolbu lil din il-Qorti tiddikjara li l-konvenut kiser l-obbligi kuntrattwali tieghu meta habta u sabta ittermina l-kuntratt ta' l-impjieg definit tieghu li huwa kellu mal-attur, liema terminazzjoni skont l-atturi wasslet sabiex ma jigux onorati l-obbligi tax-xoghol li huma kellhom mas-socjeta' estera RH Group Limited.

**L-attur**[62] jghid li l-ghada tas-serqa l-konvenut nizel lura Malta ghax kien imissu l-granet ta' mistrieh tieghu. Ghalkemm il-konvenut rega' tela l-Italja fuq xoghol f'Marzu 2007, wara xi ftit granet kien avza lill-attur li huwa ma kienx lest jibqa'

[61] Fol 121
[62] Fol 71 - affidavit

jahdem mieghu. Il-konvenut ried jieqaf mix-xoghol immedjatament izda l-attur insista li huwa kellu almenu jahdem Marzu kollu. L-attur jghid li kien "prattikament impossibbli" ghalih li fi zmien daqshekk qasir isib xufier iehor li jiehu post il-konvenut u ghalhekk ma setax ikompli jonora l-obbligi li kellu mas-socjeta' Ingliza RH Group Ltd li kienet tghaddilu x-xoghol ta' transport tal-merkanzija. Infatti din is-socjeta' m'ghadditlux xoghol ghal dan it-trakk ghal perjodu ta' sitt xhur shah.

Ittra datata 2 t'April 2007[63] mibghuta lill-attur minn R.H. Freight Services Ltd tghid hekk:

*"...RH Freight has decided that the situation as regards truck bearing registration number VOL 400 cannot go further. Mr Raymond Micallef has failed to do his work properly and did not manage to drive the truck from Vittuone to the security parking in Viale Certosa. As you are quite aware on his way he stopped at a petrol station (RHO Sud) and whilst inside the service station, the truck and trailer were stolen and went missing for a number of days before both the trailer and eventually the truck were recovered, obviously with goods missing. A week after the theft Raymond Micallef started working again and then left you after 15 days. As a result of Micallef's termination of employment, the contract of work we had between us has been breached....as truck VOL 400 was working for you, we have decided to stop the contract with effect from today.*

*The best thing for you is to find an owner-driver and I will consider talking to you and assigning work again to truck VOL 400, depending on who the owner is."*

[63] Fol 61

L-attur jghid li dan wassal biex sofra telf ta' qliegh sostanzjali li jammonta ghal madwar €23,660.

Xehed **John Hyland**[64], ex Market Manager tas-socjeta' RH Freight Services Ltd li qal li huma kienu gew infurmati li ftit gimghat wara li sehhet is-serqa tas-16 ta' Frar 2007 il-konvenut kien telaq mill-impjieg tieghu mal-attur. Minhabba f'hekk, filwaqt li huma baqghu juzaw is-servizzi tan-negozju tal-attur bit-trakk l-iehor, huma waqfu juzaw is-servizzi tat-trakk VOL 400 ghax l-attur ma kellux sewwieq iehor ghal circa 6-9 xhur wara l-incident. Il-ksur tal-kuntratt ta' xoghol minn naha tal-attur sehh minhabba l-fatt li bir-rizenja ta' Raymond Micallef, l-attur ma kienx f'qaghda li jipprovdi s-servizz b'zewg trakkijiet izda biss b'wiehed. Hayes jghid ukoll li minkejja l-ittra tat-2 t'April 2007, R.H. Freight Services Ltd baqghet tuza u thallas lill-attur ghas-servizzi moghtija bi trakk wiehed flok bi tnejn.

Xehed ukoll **Daniel Paul Cook**, *General Manager* mas-socjeta' Ingliza R.H. Freight Services Ltd[65] li ghalkemm ma kienx direttament involut fil-vicenda qal li b'rizultat tar-rizenja tal-konvenut mill-impjieg tieghu mal-attur, is-socjeta' taghhom spiccat f'sitwazzjoni fejn kellha trakk kuntrattat mal-attur u minghajr sewwieq biex isuqu. Dan it-trakk kien jigi kuntrattat fuq bazi mensili. Minhabba f'hekk is-socjeta' Ngliża ma baqghetx tipprovdi xoghol ghat-trakk VOL 400 ghal perjodu ta' madwar sitt xhur. Fix-xhur ta' qabel is-serqa R.H. Freight Services Ltd kienu jhallsu mizata ta' €5,500 ghal kull trakk fix-xahar, b'dana li r-rata ghal zmien il-Milied kienet tkun *pro rata*. Il-mizati li thallsu minn din is-socjeta' Ngliża lill-attur bejn Dicembru 2006 u Marzu 2007 kienet komplessivament tammonta ghal €29,844.81[66].

[64] Fol 179 et seq
[65] Fol 160 et seq
[66] Fatturi esibiti a fol 167-170

**Il-konvenut** minn naha tieghu jghid[67] li wara li nizel Malta l-attur hallsu l-paga dovuta minghajr problemi u wara l-hmistax *leave* tieghu, il-konvenut rega' tela ghal sitt gimghat ohra xoghol mill-Italja ghall-Ingilterra u mill-Ingilterra ghal Franza. Izda wara circa erba' gimghat il-konvenut sema' li l-attur kien qieghed jipprova jbiegh it-trakk VOL 400. Ghalih dan kien ser johloq incertezza u apparti hekk huwa kien sema' li l-attur kellu t-tahwid ghalhekk iddecieda li jitlaq mix-xoghol. Ta lill-attur gimghatejn *notice*, tella' mieghu anke terza persuna Christopher Caruana li kien intiz li jibda jahdem floku, izda dan ma riedx ikompli. Il-konvenut insista li wara li kien telaq hu minn mal-attur it-trakk VOL 400 inbiegh. Dokument a fol 424 juri li dan inbiegh fit-3 t'Ottubru 2007.

Bhala principju generali, kif qalet il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-kaz **Softweb Limited (C 28642) Vs Edward Bonello fit-30 ta' Settembru 2010**[68] –

*"Issa skond is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc nhar is-7 ta' Mejju 1965 fl-ismijiet* ***Salvatore Bezzina vs Aurelio Mea et*** *inghad li :- "ftehim bejn il-partijiet ma jistax jigi revokat unilateralment minn parti wahda meta jidhrilha hi, almenu bla raguni gusta skond il-ligi. Biex wiehed jinzamm responsabbli tad-danni lejn l-iehor, jehtieg li jigi ppruvat li huwa rrenda ruhu hati lejh, jew ta' kolpa delittuza, jew kwazi-delittuza, jew kwazi- delittuza konsistenti fi ksur ta' xi obbligu lejh impost lilu mil-ligi, jew ta' kolpa kontrattwali konsistenti fil-ksur ta' xi obbligazzjoni li huwa kellu lejh bis-sahha ta' kuntratt."*

Tajjeb jinghad li b'distinzjoni mill-principji gurisprudenzjali appena citati, il-pretensjoni tal-atturi fil-kaz odjern ma hix relatata mal-penali rapprezentanti somma flus ekwivalenti ghal nofs is-salarju li kien dovut lill-konvenut kieku

[67] Fol 371 et seq
[68] Avviz Nru 53/2008

onora l-imsemmi ftehim ta' xoghol, imma ghal allegat telf ta' qliegh li sofrew ghall-perjodu li huma ghamlu minghajr xufier ghal fuq t-trakk VOL 400.

Jirrizulta bhala fatt illi l-ftehim ta' xoghol iffirmat bejn l-attur Emanuel Farrugia u l-konvenut kien ghal sena - jibda b'effett mit-8 ta' Jannar 2007 sat-8 ta' Jannar 2008. It-terminu kien rinnovabbli.

Jirrizulta wkoll bhala fatt li l-konvenut ma waqafx mill-impjieg habta u sabta kif qed jghidu l-atturi, ghax il-provi juru li huwa mhux biss informa lill-attur bl-intenzjoni tieghu li ma jibqax jahdem mieghu waqt li kien ghadu l-Italja (cioe' hmistax qabel ma nizel Malta), izda lura Malta huwa ta wkoll gimghatejn notice lill-attur[69]. L-element tas-sorpriza fit-terminazzjoni tal-impjieg huwa ghalhekk nieqes. Di piu' l-attur accetta din id-decizjoni izda fi kliemu stess insista li l-konvenut almenu jahdem Marzu kollu[70]. Huwa pacifiku bejn il-partijiet li l-konvenut thallas il-paga kollha dovuta lilu sal-ahhar jum li hadem u ma kien fadal ebda pendenza f'dan ir-rigward.

Irrizulta wkoll li fil-perjodu qabel ma waqaf mix-xoghol, il-konvenut ipprova jghin lill-attur billi jsiblu sewwieq iehor biex jahdem mieghu. Dan huwa konfermat mhux biss mill-konvenut izda wkoll minn certu Christopher Caruana li fuq stedina tal-konvenut u bil-permess tal-attur kien mar jaghmel prova ta' xoghol gewwa l-Italja mal-konvenut bit-trakk VOL 400[71].

Maghmulin dawn l-osservazzjonijiet, il-Qorti tqis li l-konvenut m'ghandux igorr responsabbilta' personali ghall-allegat telf ta' qliegh li ghamlu l-atturi wara li huwa kien spicca mix-xoghol. Dan ghaliex:

[69] Fol 379
[70] Fol 71
[71] Affidavit tieghu a fol 400 et seq

1. It-trakk VOL-400 huwa proprjeta tal-atturi[72];

2. Il-konvenut kien semplici mpjegat tal-atturi;

3. Ir-relazzjoni kuntrattwali u kummercjali bejn l-atturi u RH Group Limited *ergo* r-responsabilta' ghall-ezekuzzjoni ta' obbligi kontrattwali u kummercjali bejniethom hija esklussivament taghhom u *res inter alios acta* ghall-impjegati taghhom. Infatti, anke wara li l-konvenut telaq mix-xoghol, RH Group Limited baqghet tuza s-servizzi tal-attur u thallsu ghall-garr ta' merkanzija bit-trakk l-iehor;

4. F'kull kaz, il-konvenut ma kienx ingaggat specifikatament biex isuq it-trakk VOL 400 u biex igorr biss merkanzija ghal RH Group Ltd, anzi l-kuntratt tax-xoghol tal-konvenut kien wiehed generali ghal garr ta' merkanzija u mhux marbut specifikament ma' garr ta' merkanzija bi trakk partikolari u ghal xi operatur terz partikolari. Il-kuntratt kien jghid biss hekk:

   *"The work consists in Italy and it can also be from Italy to England[73]";*

5. Ahseb u ara allura kemm jistghu l-atturi jippruvaw jitfghu xi responsabbilta' fuq il-konvenut ghal dak li jolqot negozju bl-uzu tat-trakk partikolari VOL 400 wara li huwa kien spicca minn maghhom;

6. Jinghad ukoll li evidentement, l-ispirtu tal-ittra tat-2 t'April 2007 huwa li l-kuntratt ghal dak li jolqot it-trakk VOL 400 twaqqaf minn RH Group Limited mhux minhabba li l-konvenut wera nuqqasijiet meta sehhet is-

[72] Fol 68 – affidavit tal-attur para 1
[73] Fol 6

serqa tat-trakk u l-merkanzija fl-Italja, u lanqas ghax il-konvenut waqaf mix-xoghol izda ghax l-atturi ma sabux sewwieq iehor b'dana li huma ma kinux f'qaghda li jibqghu jipprovdu s-servizz miftiehem ghal perjodu ta' zmien;

7. Kienet ir-responsabilta' tal-atturi li jirrimpjazzaw l-impjieg li gie vakat mill-konvenut fin-negozju;

8. Jekk l-atturi ma rnexxielhomx isibu sewwieq iehor disponibbli biex ikomplu jonoraw l-obbligi kontrattwali li kellhom ma RH Group Ltd ghal iridu jirrispondu huma u mhux il-konvenut ghall-konsegwenzi li rrizultaw tali nuqqas.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti ma hix ser tilqa' t-tielet talba tal-atturi, u lanqas ir-raba u l-hames talba safejn dawn huma konsegwenti ghal din l-istess talba. Ghall-istess ragunijiet, is-seba' u t-tmien eccezzjoni tal-konvenuti invece jimmeritaw li jigu akkolti.

Ghar-rigward tad-disa' eccezzjoni tal-konvenut, il-Qorti ma ssibx li l-kawza tal-atturi hija wahda vessatorja u ghalhekk din l-eccezzjoni sejra tigi respinta. L-ghaxar eccezzjoni ukoll sejra tigi michuda hlief sa fejn hija kompatibbli ma' dak li gie deciz fir-rigward tat-tielet talba tal-atturi, u fir-rigward tar-raba' u l-hames talba safejn dawn huma konsegwenzjali ghal din l-istess talba.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. **Tilqa' l-ewwel u t-tieni talba tal-atturi;**
2. **Tichad it-tielet talba;**

3. **Tilqa' r-raba' u l-hames talba biss safejn huma kompatibbli ma' dak li gie deciz fir-rigward tal-ewwel zewg talbiet tal-atturi u tillikwida s-somma ta' tmint elef (€8,000) *arbitrio boni viri* bhala danni u tikkundanna lill-konvenut ihallas dawn id-danni hekk likwidati lill-atturi;**
4. **Tilqa' s-seba' u t-tmien eccezzjoni tal-konvenut;**
5. **Tichad l-eccezzjonijiet l-ohra kollha tal-konvenut hlief ghall-ghaxar eccezzjoni li hija milqugha biss sa fejn hija kompatibbli ma' dak appena deciz.**
6. **L-ispejjez jinqasmu hekk: zewg terzi jithallsu mill-konvenut u terz mill-atturi.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imhallef**

**Vera Kopja**

**John Muscat**
**Dep. Reg.**